TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

CCT/155/19/S

Agostino Duca
Vs
Lop & G Limited

Illum 8 t'Ottubru,2020.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta'Agostino Duca ipprezentata fit-28 t'Ottubru,2019 filwaqt li s-socjeta Lop & G Limited, ghalkemm debitament notifikata, baqghet ma pprezentatx risposta u lanqas deher xi hadd ghas-seduti li saru;

Ra d-dokumenti pprezentati u sema' lir-rikorrent;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda telefon cellulari li ma baqax jahdem wara xi ghaxar xhur minn mindu inxtara;

Illi jinghad mal-ewwel li s-socjeta Lop & G Limited naqset milli twiegeb ghat-talba ta' Agostino Duca u lanqas deher xi rapprezentant tas-socjeta intimata ghas-seduti li saru;

Illi t-Tribunal ghandu quddiemu verzjoni wahda u cioe dik ta'Agostino Duca li ma gietx kontradetta bl-ebda mod mill-intimat;

Illi ghalkemm f'Novembru,2019 it-Tribunal gie infurmat li Salvatore Simonetta kien imsiefer fuq ragunijiet medici, minn dak inhar hadd ma deher ghas-socjeta intimata biex jikkontesta dak mitlub mir-rikorrent Agostino Duca;

Illi n-nuqqas ta' dehra tas-socjeta intimata ma jfissirx li dan it-Tribunal m'ghandux jixtarr dak mitlub u kemm dan hu gustifikat;

Illi r-rikorrent spjega kif wasal ghat-talba ta' €100 u pprezenta kopja tal-ircevuta relattiva;

Illi min-naha l-ohra s-socjeta intimata ma deheritx biex titfa' dawl fuq din it-talba u lanqas biex taghti l-verzjoni taghha;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati u fic-cirkostanzi tal-kaz u wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jilqa' t-talba ta' Agostino Duca u Jordna lis-socjeta Lop & G Limited thallas lil Agostino Duca s-somma ta' €99.99 kif konfermata bil-kopja tal-ircevuta pprezentata, b'kull parti thallas l-ispejjez ta' dawn il-proceduri.

Richard Sladden Av.
Arbitru